**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 4 ta' Gunju 2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ransley)**

**vs**

**Natalie Bonello**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Natalie Bonello ta' 45 sena, imwielda San Giljan, fit-2 ta' Frar 1975, bint Joseph u Emanuela nee Hili, residenti St.Anthony, Triq is-Skiet Marsaskala, u detentrici tal-karta tal-identita 568675M;

Akkuzata talli nhar is-7 t'April 2020 ghall-habta tas-2:15 ta' wara nofsinhar minn gewwa 20, St Joseph Triq Nazju Falzon, Msida:

1. Ikkommettiet serq ta' gojjellerija u/jew affarijiet ohra, liema serq hu kkwalifikat bil-lok u bil-valur, liema ammont jeccedi l-elfejn tlett mija u disa u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-detriment ta' Carmela Pace.

Il-Qorti giet mitluba li titratta mal-imputata bhala recediva ai termini tal-Artikoli 49,50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, meta hi kienet giet misjuba hatja u kkundannata ghar-reati, b'sentenzi ta' reati Maltin, liema sentenzi saru defenittivi.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Fis-seduta tal-lum, l-imputata rregistrat ammissjoni ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra taghha.

Il-Qorti wissiet lill-imputata bil-konsegwenzi serji tal-ammissjoni taghha u senjatament li l-piena massima ghal dawn l-imputazzjonijiet hija ta' tnax-il sena prigunerija u ssopendiet is-seduta sabiex l-imputata tikkonsulta mal-avukat difensur taghha biex tara jekk tridx tirtira l-ammissjoni taghha.

Is-seduta giet sospiza

Wara li regghet issejhet il-kawza il-Qorti staqsiet lill-imputata jekk kellhiex hin bizzejjed biex tikkonsulta mal-avukat difensur taghha u wiegbet fl-affermattiv u mistoqsija mill-Qorti xi twiegeb ghall-imputazzjonijiet dedotti kontriha, hija wiegbet li kienet hatja.

Il-Qorti semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Fuq ammissjoni taghha stess, il-Qorti issib lill-imputata Natalie Bonello hatja tal-imputazzjonijiet dedotti kontra taghha.

Rigward il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-ammissjoni tal-imputata ghandha titqies bhala wahda bikrija, stante li saret fit-tieni seduta f'dawn il-proceduri, u b'hekk l-imputata ma hlietx il-hin u r-rizorsi tal-Qorti u tal-forzi tal-ordni.

Il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni li l-imputata irritornat lura l-oggetti kollha minnha misruqa lill-Pulizija fit-tfittxija li saret fir-residenza taghha, u ghalhekk il-piena ghandha

titnaqqas b'zewg gradi ai termini tal-Artikolu 337(2) tal-Kodici Kriminali. Pero, il-Qorti ma tistax ma tosservax li l-imputata ghamlet dan ghaliex kif qalet hi stess fl-istqarrija taghha, indunat ghaliex il-Pulizija marret taghmel it-tfittxija fid-dar taghha u tathom id-deheb. Ovvjament, meta l-imputata sabet ruhha daharha mal-hajt, iddecidiet li ttihom l-oggetti misruqa li kienu mohbija fid-dar taghha, ghax fi kwalunkwe kaz kienu se jinstabu mill-Pulizija waqt it-tfittxija.

L-Ufficcjal Prosekutur informa lill-Qorti li wara din it-tfittxija, l-imputata ikkoperat mal-Pulizija u bl-informazzjoni li tathom solvew hames (5) kazijiet ohra ta' serq u iehor ta' attentat ta' serq, fejn kienet involuta hi.

Pero l-fedina penali tal-imputata hija wahda raffrettarja. Hija ghandha wiehed u hamsin (51) kundanna minn dawn il-Qrati, li jinkludu tlettax (13)-il kundanna fuq serq, fil-maggoranza assoluta tieghu, ikkwalifikat, kundanna dwar pussess semplici tad-droga eroina, tletin (30) kundanna ghal reati konnessi mal-prostituzzjoni, u reati u kontravvenzjonijiet ohra.

Ghalkemm l-imputata inghatat diversi opportunitajiet minn dawn il-Qrati sabiex titbieghed mit-triq tal-kriminalita li qabdet, billi inghatat seba' (7) ordnijiet ta' liberta kondizzjonata, tlett (3) ordnijiet ta' Probation, u seba' (7) sentenzi sospizi, wahda minnhom b'ordni ta' supervizjoni, huwa ovvju li l-imputata ma gharfitx tuzufruwixxi ruhha minn dawn l-opportunitajiet li tawha il-Qrati, izda qed tkompli tippersisti fit-triq tal-kriminalita, u dan minkejja li kellha diversi pieni ta' habs effettiv. Fil-fatt mill-fedina penali jirrizulta li b'sentenza ta' din il-Qorti, diversament preseduta, tat-13 ta' Marzu 2017, l-imputata tpoggiet taht ordni ta' probation ghal zmien tlett snin – u ghalhekk din skadiet fit 13 ta' Marzu 2020. Ir-reat ta' serq li tieghu instabet hatja fil-proceduri odjerni gie kommessi fis-7 ta' April 2020 – cioe inqas minn xahar wara li skadiet l-ordni ta' probation.

Fit-trattazzjoni orali, d-difiza qalet li l-imputata ghandna l-problema ta' tossiko-dipendenza, u issa hadet decizjoni serja biex tirriforma hajjitha u taghmel programm ta' riabilitazzjoni. Pero, il-provi juru li s'issa l-imputata ma rieditx titghallem mill-izbalji taghha, u li hija m'ghandha l-ebda rispett lejn l-awtoritajiet tal-pajjiz, u m'ghandhiex skruplu tisfida l-ordnijiet taghhom – attitudni li thasseb lil din il-Qorti mhux ftit.

Din il-Qorti lanqas tista' tinjora s-serjeta tar-reat li tieghu l-imputata instabet hatja. L-imputata ma qaghdet tahsibha xejn biex tisraq armla anzjana ta' 80 sena, u dan billi hi u l-komplici taghha kisbu l-fiducja tal-anzjana biex iddahhalhom f'darha billi qalulha li huma mibghuta minn *Home Help.* Il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Costantino Felice et**, deciza fit-22 ta' Awwissu 2007, li wkoll kien jirrigwarda attentat ta' serq aggravat fuq anzjani, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[1] osservat hekk:

*"Umbaghad il-fatt li dak li jkun jisraq ghax ikollu l-vizzju tad-droga, zgur ma jistax jittiehed bhala fattur attenwanti. Ma jistax ikun li l-Qrati jaslu ghall-assurdita' legali li l-kommissjoni ta' reati gravissimi bhal ma huma l-pussess jew l-ipprokurar tad-droga jservu bhala skuzanti jew attenwanti ghall-reati ohra serji bhal ma huma s-serq kwalifikat u l-vjolenza.*

*Umbaghad jekk l-appellati qed jaghmlu xi sforzi biex jirriformaw ruhom, dan ser ikun ta' gid ghalihom l-aktar, imma ma jista' jservi qatt biex tigi stultifikata l-ligi kriminali li qieghda hemm biex fl-ewwel lok u qabel kollox tittutela d-drittijiet tac-cittadin minn agir aggressiv u spjetat bhal dak li urew l-appellati f' dan it-tentattiv ta' serq."*

Huwa vera li l-agir tal-imputata fil-kaz odjern ma kienx wiehed aggressiv kif kien dak fis-sentenza fuq citata, pero l-agir tal-imputata fuq anzjana, ma jista' jigi qatt kondonat mill-Qrati. Fl-opinjoni tal-Qorti, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-piena ghandha tkun wahda ta' habs effettiv.

Iz-zieda fil-piena b'zewg gradi minhabba r-recidiva giet newtralizzata bir-riduzzjoni fil-piena ta' zewg gradi, stante li l-imputata irritornat l-oggetti minnha misruqa qabel inbdew il-proceduri odjerni.

Ai termini tal-Artikolu 280(1) tal-Kodici Kriminali meta s-serq hu kwalifikat bil-"valur" (f'dan il-kaz taht l-Artikolu 279(b)) u bi kwalifika wahda ohra li ma tkunx dik tal-"vjolenza" jew tal-"mezz" – fil-kaz odjern hi dik tal-"lok", il-piena hija dik ta' priġunerija għal żmien minn tlettax-il xahar sa seba' snin, izda dawn ma jinghatawx fil-*minimum* taghhom.

[1] *Per* Imhallef Joseph Galea Debono.

L-Artikolu 20 tal-Kodici Kriminali jippreskrivi hekk: *"Meta l-liġi tiddisponi espressament li piena m'għandhiex tingħata fil-minimum, il-piena li għandha tingħata għandu dejjem ikun fiha għall-anqas terz tad-differenza bejn il-minimum u l-maximum."*

Fil-kaz odjern terz tad-differenza bejn il-minimu u l-massimu tal-piena hija ta' tlieta u ghoxrin xahar u wiehed u ghoxrin gurnata (84 xahar (7 snin) – 13-il xahar divizi bi 3). Ghalhekk din hija l-piena minima li tista' tigi erogata fil-kaz odjern.

Pero tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti hija tal-opinjoni li ghalkemm il-piena ghandha tqarreb lejn il-piena minima li tista' tigi erogata, il-piena m'ghandhix tkun litteralment fil-minimu.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 279(b), 280(1), 20, 337(2), 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra taghha u tikkundannha ghal piena tlett snin u nofs li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien illi l-imputata ghamlet taht arrest preventiv biss in konnessjoni ma' dawn ir-reati, u b'dan li ma ghandux jitnaqqas xi zmien li fih hija kienet qed tiskonta xi sentenza ohra ta' prigunerija.

Il-Qorti tordna li l-atti ta' din il-kawza flimkien ma' kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti skond il-ligi.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**